Verżjoni Elettronika

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,426, 23 ta' Ġunju, 2020
Taqsima B

A.L. 259 tal-2020

ATT DWAR POTERI LI JSIRU REGOLAMENTI FL-INTERESS NAZZJONALI (KAP 365)

Regolamenti tal-2020 dwar Miżuri li jappoġġaw azzjonijiet li jindirizzaw attivitajiet ta' kuntrabandu fil-Mediterran Ċentrali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 3(3) u (7) tal-Att dwar Poteri li Jsiru Regolamenti fl-Interess Nazzjonali, il-Ministru għall-Affarijiet Barranin għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2020 dwar Miżuri li jappoġġaw azzjonijiet li jindirizzaw attivitajiet ta' kuntrabandu fil-Mediterran Ċentrali.

Applikabilità.

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għal bastimenti li se jiġu esportati, trasferiti jew trasbordati lejn il-Libja minn Malta u li jistgħu jintużaw għall-faċilitazzjoni tal-immigrazzjoni illegali u t-traffikar ta' bnedmin konformi mad-Dikjarazzjoni ta' Malta tat-3 ta' Frar 2017 mill-membri tal-Kunsill Ewropew dwar l-aspetti esterni tal-migrazzjoni: l-indirizzar tar-rotta tal-Mediterran Ċentrali. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw ukoll għal dawk il-bastimenti użati f'azzjonijiet li jistgħu jdgħajfu s-sigurtà u l-istabbiltà tal-Libja.

Tifsir.

3. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort' oħra:

Kap. 365.

"l-Att" tfisser l-Att dwar Poteri li Jsiru Regolamenti fl-Interess Nazzjonali;

"bastiment" tinkludi bastimenti elenkati taħt l-Anness VII tar-Regolament tal-Kunsill 2016/44 tat-18 ta' Jannar 2016 kif ukoll bastimenti b'mutur intern ta' kwalunkwe daqs użat fin-navigazzjoni.

Projbizzjoni ta' esportazzjoni ta' bastimenti lejn il-Libja.

4. B'żieda mal-mekkaniżmu ta' awtorizzazzjoni minn qabel stabbilit skont ir-Regolament tal-Kunsill 2016/44 tat-18 ta' Jannar 2016 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja applikabbli direttament taħt l-Att, l-esportazzjoni, trasbord, bejgħ, forniment jew trasferiment ta' kwalunkwe bastiment, kif definit fir-regolament 3, minn Malta b'mod dirett jew indirett minn kwalunkwe persuna f'Malta jew minn Malta hu projbit:

Iżda l-projbizzjoni se tapplika wkoll għal bastimenti li jkunu fi tranżitu jew li għandhom jiġu trasbordati lejn il-Libja u għal kwalunkwe assistenza teknika, finanzjament, assistenza finanzjarja u

Verżjoni Elettronika

servizz ta' senserija fir-rigward ta' bastimenti bħal dawn.

Esklużjonijiet.

5. Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe miżuri restrittivi imposti mill-Kunsill tas-Sigurtà jew mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-Libja, il-projbizzjoni imposta mir-regolament 4 ma tapplikax għal:

(a) bastimenti li jintużaw għal-ġarr ta' merkanzija bejn Malta u l-Libja inklużi tugboats u bastimenti ta' forniment;

(b) bastimenti li se jiġu fornuti lill-Gvern tal-Libja, persunal tan-Nazzjonijiet Magħquda, persunal tal-Unjoni Ewropea jew l-Istati Membri tagħha; u

(ċ) kwalunkwe bastimenti oħra li se jiġu trasferiti, esportati jew trasbordati lejn il-Libja wara awtorizzazzjoni mogħtija mill-Bord ta' Sorveljanza Fuq Sanzjonijiet wara li jkun sodisfatt bl-iskop leġittimu għat-trasferiment ta' dawn il-bastimenti.

Awtorizazzjoni minn qabel mil-Bord ta' Sorveljanza Fuq Sanzjonijiet.

6. (1) Il-Bord ta' Sorveljanza Fuq Sanzjonijiet jista' fid-diskrezzjoni assoluta tiegħu, wara li ssir talba għall-awtorizzazzjoni skont is-subregolament (2), jawtorizza minn qabel l-esportazzjoni, it-trasbord jew it-trasferiment ta' bastimenti minn Malta lejn il-Libja.

(2) It-talba għal awtorizzazzjoni għandha tiġi sottomessa mill-bejjiegħ, mill-esportatur jew ir-rappreżentant tiegħu jew mis-sensar, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-applikant", lid-Direttur responsabbli għall-kummerċ u t-talba għandha tkun akkumpanjata bid-dokumentazzjoni li ġejja:

(a) dettalji u ritratti tal-bastimenti konċernati;

(b) dikjarazzjoni dwar jekk il-bastimenti humiex ġodda jew użati;

(ċ) dettalji tal-esportatur;

(d) dettalji tal-utent aħħari;

(e) dikjarazzjoni ffirmata mill-utent aħħari dwar l-iskop tal-bastimenti:

Iżda d-Direttur tal-Kummerċ jista' jitlob aktar informazzjoni jew dokumentazzjoni kif meqjus bħala meħtieġ.

(3) Meta jircievi talba għal awtorizzazzjoni, akkumpanjata bl-informazzjoni u d-dokumentazzjoni meħtieġa skont is-subregolament

Verżjoni Elettronika

(2), id-Direttur responsabbli għall-kummerċ għandu jgħaddi t-talba lill-Bord ta' Sorveljanza Fuq Sanzjonijiet.

(4) Il-Bord ta' Sorveljanza fuq Sanzjonijiet għandu, fi żmien tletin (30) jum ta' xogħol minn meta jirċievi t-talba għall-awtorizzazzjoni u l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni meħtieġa, jieħu deċiżjoni jekk l-esportazzjoni għandhiex tkun awtorizzata u tikkomunika dik id-deċiżjoni lill-applikant.

(5) Id-deċiżjoni maħruġa mill-Bord ta' Sorveljanza fuq Sanzjonijiet hija finali u mhijiex soġġetta għal appell.

(6) L-ebda bastiment kif definit fir-regolament 3 ma jista' jitlaq minn Malta mingħajr l-awtorizzazzjoni maħruġa mill-Bord ta' Sorveljanza Fuq Sanzjonijiet, skont dan ir-regolament.

Reati u pieni.

7. Kull persuna li tikser xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti għandha, meta tinstab ħatja, teħel il-pieni provduti fl-artikolu 6 tal-Att.

Bastimenti li qegħdin jistennew it-trasbord mad-dħul fis-seħħ tar-regolamenti.

8. Dawn ir-regolamenti japplikaw għal bastimenti li jinsabu f'Malta mad-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti li qegħdin jistennew it-trasbord lejn il-Libja.